**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Abdiqani Omar Abdillahi**

Numru 37/2018

Illum 26 ta' Frar 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Abdiqani Omar Abdillahi**, ta' tmienja u ghoxrin (28) sena, iben Omar Abdillahi u Ruun Hasan nee' Husan, imwieled Mogadishu, Somalia nhar l-1 ta' April 1990, residenti fil-fond Flat 2, Block D, Triq ir-Rabat, Zebbug, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 129303(A), akkuzat talli nhar it-3 ta' Dicembru 2018 bejn id-9.30p.m. u l-

10.30p.m. waqt li kien qieghed fi Triq ix-Xatt, Zebbug, Ghawdex u aktar tard waqt li kien qieghed gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat, Ghawdex u/jew fil-vicinanzi;

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma tixtieqx il-vjolenza pubblika kontra PS 1407 Frank Portelli, PC 534 Joseph Cini, PC 1549 Joseph Bajada u PC 1571 Mario Azzopardi, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur ta' Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' PS 1407 Frank Portelli, PC 534 Joseph Cini, PC 1549 Joseph Bajada u PC 1571 Mario Azzopardi waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma halliex jew fixkilhom waqt li kienu jaghmlu id-dmirijiet taghhom u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi rrifjuta li jaghti jew ta falz lil ufficjali pubblici li huma inkarigati minn servizz pubbliku waqt li kienu qeghdin jaghmlu d-dmirijiet taghhom, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 338(g) Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom jew qabad armi ohra kontra l-persuna ta' Redeemer Abdel Ghany u dan bi ksur tal-Artikolu 339(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qieghed jaghmel delitt kontra l-persuna ta' Redeemer Abdel Ghany kellu fil-pussess tieghu arma regolari u dan bi ksur tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 480;

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi billejl kiser il-mistrieh tan-nies b'ghajjat jew ghajjat jew b'mod iehor u dan bi ksur tal-Artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kien jinsab fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu nnifsu u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ff) Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. U aktar talli sar ricediv b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta/Ghawdex, liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mhassra ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9;

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Redeemer Abdel Ghany, PS 1407 Frank Portelli, PC 534 Joseph Cini, PC 1549 Joseph Bajada, PC 1571 Mario Azzopardi u l-familji taghhom sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija Redeemer Abdel Ghany, PS 1407 Frank Portelli, PC 534 Joseph Cini, PC 1549 Joseph Bajada, PC 1571 Mario Azzopardi u l-familji taghhom, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti;

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2018 il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz u b'hekk ghalqet il-provi taghha;

Semghet il-provi;

**Il-fatti specie tal-kaz**

Nhar it-tlieta (3) ta' Diċembru elfejn u tmintax (2018) għal ħabta tad-disgħa u nofs (~9.30) il-pulizija rcivew telefonata li Marsalforn fl-istabbiliment Popeye Snack Bar kien hemm persuna li kien għamel sikkina ma' sider wieħed. Fuq il-post marru PC 534 u PC 1571 li kienu qegħdin patrol flimkien mal-pulizija tal-Ghassa tal-Pulizija ta' Marsalforn. Hemmhekk kienu arrestaw lill-imputat u kienu sabulu sikkina. Redeemer Abdel Ghany li allega li l-imputat poġġa s-sikkina għal xi seba' (~ 7) darbiet ma' sidru. Il-pulizija nfurmatu bl-arrest u kien se jittiehed l-Għassa tal-Pulizija r-Rabat. Mix-xhieda hareg li fi triqithom lejn l-Ghassa tar-Rabat kellhom jieqfu darbtejn fit-triq għax l-imputat kien aggressiv fil-karozza, u pprova jigdem lil PC 534. Il-pulizija xehdu li kellhom jużaw it-taser dak il-ħin. Fl-Għassa tal-Pulizija r-Rabat dan beda juri aggressività li skont is-Surgent 1407 Frank Portelli *"la qatt ma rajt u saħansitra ivvomita fil-hallway ukoll"*. Redeemer Abdel Ghany qal li hu kien qiegħed il-Popeye Snack Bar ma' mejda u qal ukoll li l-imputat mar fuqu u talbu xi affarijiet u dan qallu li mhux ħa jtih u għamillu s-sikkina ma' sidru għal xi seba' darbiet. Il-pulizija li kienu fil-korozza fi

triqithom lejn l-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat beda jgħidilhom li ħa joqtolhom wieħed wieħed.

**Xhieda**

F'da il-kaz il-Qorti semghet seba' (7) xhieda:

*PS 1407 Frank Portelli (a fol. 32 et seq.), PC 534 Joseph Cini (a fol. 34 et seq.), PC 1549 Joseph Bajada (a fol. 37 et seq.), PC 1571 Mario Azzopardi (a fol. 40 et seq.), Redeemer Abdel Ghani (a fol. 42 et seq.) u l-imputat Abdiqani Omar Abdillahi (a fol. 45 et seq.)*

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet per se addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' kunsiderazzjonijiet generali u ohrajn ta' dritt.

**Preliminari**[1]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

[1] Il-Qorti qeghda tibbaza din l-ewwel parti fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidhlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li mhumiex previsti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabbilta' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**<u>Oneru tal-Prosekuzzjoni</u>**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali kunflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**<u>Apprezzament tal-provi fl-assjem</u>:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**<u>Prezunzjoni tal-innocenza</u>**

Ir-rizultat huwa li fi proceduri penali l-onus ta' prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga, bhal per ezempju d-difiza tal-insanita'.

Huwa principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta innocenti sakemm ippruvata hatja, u dan ai termini tal-Artikolu 40 Subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jiddisponi is-segwenti:

> "*every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty...*"

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn Sir Augustus Bartolo fl-ismijiet **'Il-Pulizija v Michele Borg et'** (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Mejju, 1936) fejn intqal:

> "*illi skont il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna mfassla fuq dak tal-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico; 'the accused is presumed innocent until proved guilty.'* "

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament prezunzjoni tal-innocenza? Din tfisser li l-akkuzat ma jrid jipprova xejn dwar l-

innocenza tieghu - hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija tieghu. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal-imputat, l-onus generali tal-prova, u cioe' tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni, li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reati partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzjoni.

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha *beyond a reasonable doubt*, li tipprova kaz dettat bla dubju dettat mir-raguni, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe' tal-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

**L-ghodda biex tiddeciedi**

Din il-Qorti hija f'pozizzjoni vantaggjuza hdejn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija ghexet il-process kollu u ghalhekk hija f'pozizzjoni, li tanalizza l-komportament tax-xhieda kollha li xehdu *viva voce,* tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Il-Gudikant li jrid jaghzel il-verzjoni l-aktar kredibbli minghajr dubju dettat mir-raguni.

*Il-Ġudikant għandu jeżamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeċiedi l-kawża abbażi tal-liġi applikabbli, tal-ġurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvinċenti u korroboranti.*[2]

F'Deċizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali mogħtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-kaz **Il-Pulizija** ***vs*** **Charles Bianco**[3] l-Imħallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

Din il-Qorti kellha okkażjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit eċitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent iżda jkunu qegħdin jixhdu *in rebus suis*, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi żgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, "żgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-każ u jfakkru lil xulxin x'gara dakinhar tal-allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti biżżejjed biex ma "jikkorreġux" il-verżjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkażjoni

[2] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz** fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.
[3] Appell Kriminali Numru. 115/2006

jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.

Illi skont l-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. Apparti minn dan, il-Qorti tinnota li mhux kull kunflitt fil-provi bilfors ghandu jwassal ghal-liberatorja, izda l- Qorti ghandha taghmel l-apprezzament taghha fl-isfond tal- Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali.

Di fatti, fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Joseph Thorne**, moghtija fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet hekk:

> "mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux".

Illi Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "L-eccezzjonijiet dwar wahda jew ohra mir-ragunijiet imsemmijin fl-Artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal- kaz".

L-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor huwa l-apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif kien hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta u evidentement giet emmnuta, id-dover tal-Qorti huwa li tasal ghad-decizjoni taghha kif se taghmel.

Il-Qorti wara li fliet il-process kollu, qieset b'reqqa dak li qalet id-difiza li bazikament stiednet lill-Qorti li twarrab it-tezi tax-xhieda kollha li kwazi huma kollha ufficjali tal-pulizija li taw ix-xhieda f'dan il-kaz u temmen il-verzjoni li ta **Abdiqani Omar Abdillahi**.

**Is-sokor**

Il-Qorti se tqis ukoll il-kwistjoni tal-istat li kien fih l-imputat minhabba li waqt il-proceduri tqajjem il-punt li kien fi stat ta' sokor.

Il-Qorti tfakkar kif l-alkohol huwa sustanza soċjalment aċċettata minn diversi kulturi, u f'Malta xejn inqas.

F'ħafna okkażjonijiet, il-konsum tal-alkoħol jitqies bħala mod ta' ċelebrazzjoni u socjalizzazzjoni, imma fl-istess ħin ftit inqisu kemm l-alkoħol, anki f'dawn l-okkażjonijiet ta' ferħ u rilassament jista' joħloq perikli kif jidher li gara f'dan il-kaz bl-argument li beda fil-bar f'Marsalforn.

Wieħed mill-perikli komuni meta xi ħadd jixrob b'mod eċċessiv huwa li, iktar iva milli le, il-persuna ma tkunx fi stat li tkun taf meta għandha tieqaf u meta ghandha tghid le.

Kulhadd ghandu jifhem darba ghal dejjem u iżommu quddiem għajnejhom li l-alkoħol jaffettwa l-memorja, il-konċentrazzjoni, il-prestazzjoni u l-imġiba, u jwassal għal esperjenzi li wara wieħed jista' jiddispjaċih li jkun sehhew.

Il-materja ta' sokor hija kontemplata fl-Artikolu 34 tal-Kodici Kriminali. Dan l-Artikolu bhala regola generali jiddisponi illi s-sokor ma jistax jingieb bhala eccezzjoni kontra akkuza kriminali u l-

eccezzjonijiet ghal din ir-regola jinsabu fis-Sub Artikoli sussegwenti u bhala eccezzjonijiet ghandhom jigu interpretati u applikati ristrettivament.

Illi meta jigi ppruvat li persuna tkun fi stat ta' sokor volut minnha qabel ma tigi accettata l-eccezzjoni taht l-Artikolu 34 (4) il-Qorti ghandha tara u tezamina jekk minkejja dak l-istat ta' sokor jew stat iehor approsimattiv li forsi setgha b'xi mod jinnewtralizza l-possibilita ta' intenzjoni partikolari kienx hemm il-possibilita ta' intenzjoni ohra. Ghandu jigi ezaminat jekk l-imputat kienx fi stat li ma setax ikollu kapacita' li jifforma intenzjoni ghal reat partikolari izda kellu l-kapacita' li jifforma intenzjoni ghal reat iehor.

Illi sabiex jigi invokat l-Artikolu 34 (4) b'success mhux bizzejjed li jirrizulta li l-persuna imputata tkun fis-sakra biex dan l-istat ta' sokor ikun dirimenti jehtieg li l-Qorti tkun sodisfatta li fil-hin tal-kummissjoni tad-delitt ma kienx jaf x'qed jaghmel, jew ma kienx jaf li dak li kien qed jaghmel kienet xi haga hazina.

Illi wiehed ghandu dejjem izomm quddiem ghajnejh illi fi proceduri kriminali l-imputat meta jallega xi haga bhalma nghatat l-impressjoni f'dan il-kaz illi kien fi stat ta' sokor ghandu jipprova din l-allegazzjoni tieghu sal-grad ta' possibilita' u mhux sal-grad ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Illi irrizulta illi l-imputat fil-hin li sehh l-incident in kwistjoni kien fi stat ta' sokor u dan fil-fatt gie ikkonfermat bil-gurament minn

Redeemer Abdu Ghany il-persuna li maghha l-imputat kellu xi jghid dakinhar.

Illi jirrizulta ghalhekk mill-provi illi l-imputat meta gew kommessi r-reati in kwistjoni kien fi stat ta' sokor tant li l-prosekuzzjoni xlietu bl-artikolu 338(ff) li jitratta meta persuna tkun fi stat ta' sokor u minghajr l-ebda dubbju is-sokor kien stat volut minnu. Illi dan l-istat ta' sokor volut tal-imputat ghandu jigi ezaminat fil-kuntest tal-akkuzi taht l-Artikoli 95 u 96 tal-Kap. 9 li jirrikjedi l-intenzjoni specifika.

Illi bhala regola generali l-Artikolu 34 (1) tal-Kap 9 jiddispondi li s-sokor ma jistax jingieb bhala eccezzjoni kontra akkuza kriminali. L-eccezzjonijiet ghal din ir-regola generali jinsabu fis-subartikoli sussegwenti ta' dan l-Artikolu 34 u qua eccezzjonijiet dawn ghandhom jigu interpretati u applikati ristrettivament u salv li jigu sodisfatti l-kundizzjonijiet hemm espressament stabbiliti. Kundizzjoni minnhom hi li l-akkuzat fi stat ta' sokor mhux volut dak imsejjah accidentali bl-eghmil doluz jew negligenti ta' haddiehor. Din hi kundizzjoni essenzjali biex tavvera ruhha l-ewwel eccezzjoni ghar-regola generali imsemmija li s-sokor mhux eccezzjoni ghall-akkuza kriminali u hija espressa fl-Artikolu 34 (2) (a) tal-Kap. 9.

Illi fil-kaz in ezami dan ma japplikax il-ghaliex jirrizulta b'mod car illi kien l-istess imputat li minn jeddu gab dan l-istat ta' sokor fuqu b'mod volontarju u minghajr intervent ta' terzi.

Illi eccezzjoni ohra ghar-regola generali hija dik ikkontemplata fl-Artikolu 34 (2) (b) tal-Kap. 9 fejn minhabba s-sokor tieghu l-imputat kien fi stat ta' genn kemm temporanjament u kemm le filwaqt li kien qed jikkometti r-reat in kwistjoni. Fil-kaz in ezami dan l-istat ta' genn ma jirrizultax u ghalhekk anke din l-eccezzjoni ma tapplikax.

Illi l-eccezzjoni taht is-Subartikolu 3 tal-Artikolu 34 tal-Kap. 9 ukoll ma tapplikax ghal dan il-kaz ghaliex din tirreferi u hija applikabbli biss f'kaz li tigi accettata l-eccezzjoni taht is-Subartikoli (a) u (b) tal-Artikolu 34 (2) tal-Kap. 9 li kif gia intqal ma japplikax ghal dan il-kaz.

Illi l-ahhar eccezzjoni dik taht is-Subartikolu 4 tal-Artikolu 34 tal-Kap. 9 illi jghid illi l-istat ta' sokor ghandu jitqies sabiex jigi stabbilit jekk il-persuna akkuzata kienitx iffurmat l-intenzjoni specifika jew xorta ohra li minghajrha ma kienitx tkun hatja tar-reat.

Ghaldaqstant il-Qorti tara li l-imputat bix-xhieda tieghu waqt dawn il-proceduri xorta wahda kien ghadu fi stat li seta jiftakar xi dettalji dwar l-incident u dana mhuwiex il-kaz illi l-imputat assolutament ma kienx jaf x'kien qieghed jaghmel minhabba dan l-istat ta' sokor.

Illi ghalhekk mill-assjem tal-provi u c-cirkostanzi kollha ezaminati mill-Qorti, il-Qorti tasal ghall-fehma illi l-kundizzjoni kontemplata fl-Artikoli 34 (4) tal-Kap. 9 ma gietx sodisfatta f'dan il-kaz sabiex

dan l-istess Artikolu jigi applikabbli. Din il-Qorti ma tinklinax li izzomm li l-imputat kien talment taht l-influenza tax-xorb li ma kienx jaf x'qieghed jaghmel u mill-komportament tieghu generali tasal biex tara li hu seta' jifforma kwalunkwe intenzjoni rea anke dik specifika.

Ghaldaqstant il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li fil-mument tar-reat l-imputat kien konxju ta' dak li kien qieghed jaghmel u allura huwa responsabbli ghall-konsegwenzi naturali ta' ghemilu. Il-Qorti hija sodisfatta illi mill-provi irrizulta b'mod inekwivoku li fil-mument tal-kummissjoni tar-reati in ezami l-imputat ma kienx ghadu wasal ghal dak l-istat ta' sokor previst mil-Ligi li jeskludi l-mensrea. Izda jidher li kien fi stat li jifforma l-intenzjoni rikjesta. Kien fi stat fejn dak il-grad ta' sokor li kien fih irrendih aktar aggressiv u vjolenti, izda mhux fi stat li ma kienx jaf x'kien qieghed jaghmel u jghid.

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET**

**<u>L-ewwel (1) u t-tieni (2) Imputazzjoni (Artikoli 96(a) u 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta):</u>**

Illi Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficcjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dan Ir-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma

intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dan ir-reat jista' jkun biss l-ufficcjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dan is-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-motiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dan il-motiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dan billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficcjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

> *"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina é indifferente; la legge vede soltanto il turbamento,l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat nexus bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficcjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

> *"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."*

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Giuseppe Borg** jinghad:

> *"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, é necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza può sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacché il reato può avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."*

L-Artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficcjal pubbliku, jikkontempla tliet elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dan ir-reat.

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew rezistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dan ir-reat. Il-Mamo jkompli jghid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith*". Fin- nuqqas ta' dan jista' jissussisti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95. Inoltre l-attakk jew rezistenza trid tkun necessarjament akkumpanjata bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghall-htija taht din id-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficcjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku". Illi l-Qorti taghmel riferenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioe' illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita' li fiha qed tagixxi, madankollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dan ir-reat illi l-vittma hija ufficcjal pubbliku hija

necessarja. Altrimenti l-*mens rea* ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew rezistenza kontra l-ufficcjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid: *"Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."*

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F'sentenza Il-**Pulizija vs. Joseph Zahra** deciza mill- Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

> "Dana l-artikolu (b'riferenza ghall-Artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz".

Illi riferenza sejra ssir issa ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat. Jirrizulta b'mod car is-segwenti:

Li l-imputat kien agressiv wara l-arrest, fi triqithom lejn l-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat kien agressiv u anke prova jigdem lill-wiehed mill-kuntistabbli li kien qieghed jeskortah u meta waslu bih kompla bl-agressjoni. Il-pulizija kellhom juzaw it-*taser gun* biex irazznu lill-imputat bl-agressjoni li kien qieghed juri. Fix-xhieda l-pulizija jghidu li heddidhom li kien se joqtolhom wiehed wiehed, kien hemm min xehed li kien qalilhom *fuck you* u iehor jixhed li qallu *fuck me*.

Ghalhekk il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova t-tieni imputazzjoni (2) izda mhux l-ewwel wahda fejn il-Qorti se tillibera lill-imputat minnha.

**<u>It-tielet imputazzjoni</u>**
**<u>Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

Illi taht it-tielet (3) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija. Fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Maria Victoria sive Marvic Attard Gialanze** deciza fil-25 ta' Gunju 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

> "Ordni legittimu moghti mill-Pulizija jew mill-awtorita' ghandu dejjem jigi obdut u bla dewmien, salv id-dritt li wiehed jirreklama dwar il-gustizzja intrinsika ta' dak l-ordni (ara s-sentenza ta' din il-Qorti diversament ippreseduta tas-6 ta' Ottubru 1992, fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Austin Grech). Ordni jitqies legittimu ghall-finijiet tal-kontravvenzjoni kkontemplata fil-paragrafu (ee) tal-Artikolu 338 tal-Kodici Kriminali jekk ikun prima facie legittimu, jigifieri jkun prima facie regolari fil-kontenut tieghu u fil-forma li bih jinghata. Ma jirrizultax li kien hemm xi haga prima facie rregolari fl-ordni li PC 604 ta lill-appellanti u ghalhekk, kienet x'kienet il-kariga taghha, hi kellha toqghod ghal dak l-ordni u mhux tisfida l-awtorita' pubblika".

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti jirrizultalha li l-imputat naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija u dan anke meta l-imputat kien Marsalforn meta twaqqaf mill-pulizija wara l-argument li sehh aktar qabel. Ghalhekk isegwi li tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha izda ghal kunsiderazzjoni dwar piena se tkun kompriza fit-tieni imputazzjoni.

**L-imputazzjonijiet erbgha (4), hamsa (5), tmienja (8) u disgha (9) - Serje ta' kontravenzjonijiet**

Mix-xhieda li ta Redeemer Abdel Ghany u l-ufficjali tal-Pulizija PS 1407 Frank Portelli (a fol. 32 et seq.), PC 534 Joseph Cini (a fol. 34 et seq.), PC 1549 Joseph Bajada (a fol. 37 et seq.), PC 1571 Mario Azzopardi (a fol. 40 et seq.) jirrizultaw u se tinstab htija dwarhom.

**Akkuzi marbuta mas-sikkina**

**Is-sitt (6) u (7) imputazzjoni**

B'dawn l-imputazzjonijiet l-imputat qieghed ikun mixli li kiser artikolu 6 u 55 tal-Kap 480 l-Att dwar l-Armi tal-Ligijiet ta' Malta. Huma relevanti wkoll ghal fini ta' piena artikoli 51 (7) u artikolu 56 tal-istess Att:

> *6. Salvi d-disposizzjonijiet tal-artikolu 8 ħadd ma għandu jġorr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju.*

> *51 (7) Kull min jikser l-artikolu 6 jew 21 ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47).*

*55. Salv kull disposizzjoni oħra fil-Kodiċi Kriminali kif tapplika għaż-żamma, ġarr, użu, akkwist jew pussess ta' armi tan-nar, kull min -*

*(a) fil-waqt li jkun qed jagħmel reat kontra s-sigurta□ tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omiċidju involontarju jew offiża involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew ħsara fil-proprjeta□ (minbarra ħsara involontarja fil-proprjeta□); jew*

*(b) fil-waqt li jkun qed jiġi arrestat għal delitt, ikollu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija għal mhux izjed minn erba' snin, kemm-il darba ma jgibx prova xort'oħra li kien qed iġorr l-arma tan-nar jew l-arma regolari bi skop leġittimu.*

*56. Il-Qorti għandha tordna l-konfiska ta' arma regolari jew munizzjon li jkunu qed jinżammu jew jinġarru, jiġu akkwistati jew ikunu fil-pussess, jiġu importati jew esportati, mibjugħin jew trasferiti bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att bħala konsegwenza tal-piena għal dak il-ksur.*

Illi l-Prosekuzzjoni bix-xhieda li nghatat minn Redeemer Abdel Ghany u l-fatt li l-pulizija sabu fuq l-imputat is-sikkina esebita f'dawn l-atti ippruvat dawn z-zewg imputazzjonijiet u se tinstab htija dwarhom.

**<u>Il-ghaxar (10) imputazzjoni</u>**

**<u>Ricediva</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Paul Abela**' deciza nhar l-10 ta' Settembru, 2004 fejn il-Qorti fakkret illi:

> "*Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva.*"

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal sentenza ohra tal-Appell Kriminali fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Grech**' deciza nhar it-28 ta' Gunju, 2017 per Onor. Imhallef Edwina Grima fejn il-Qorti ghallmet illi fl-eventwalita' li l-piena mposta fuq l-imputat permezz ta' sentenza precedenti kienet dik ta' multa, "*Sabiex allura id-decizjoni tista tintuza ai fini ta' recidivita' kif mahsub fl-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali jenhtieg li issir il-prova illi dik is-sentenza giet skontata permezz tal-hlas tal-multa.*"

Il-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz ipprezentat dawn is-sentenzi bhala prova tar-ricediva:

- Sentenza datata 21 ta' Jannar 2016 (Kawza Nru. 36/2016) moghtiha minn din il-Qorti kif preseduta (**Dok. BCS6)**
- Sentenza datata 15 ta' Marzu 2016 (Kawza Nru. 105/2016) moghtiha minn din il-Qorti kif preseduta (**Dok. BCS7**)
- Sentenza datata 15 ta' Marzu 2016 (Kawza Nru.107/2016) moghtiha minn din il-Qorti kif preseduta (**Dok. BCS8**)
- Sentenza datata 31 ta' Mejju 2016 (Kawza Nru. 347/2016) moghtiha minn din il-Qorti kif preseduta (**Dok. BCS9**)
- Sentenza datata 3 ta' Marzu 2017 moghtiha mill-Qorti tal-Appell Kriminali – Onor. Prim Imhallef Silvio Camilleri LL.D fejn instab hati u wheel multa ta' €1,200 u xahar prigunerija (**Dok. BCS10**)

Konsegwentement l-akkuza dwar ir-recidiva tirrizulta.

**L-uzu tal-forza mill-pulizija**

Il-Qorti qeghda tibbaza dawn il-hsibijiet taghha wara li qrat il-pubblikazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa ta' Dicembru 2014 **The European Convention on Human Rights and Policing.**

Il-Qorti tfakkar li l-ghan ewlieni tal-pulizija f'socjeta' demokratika li titmexxa bir-rule of law kif gej:

*To maintain public tranquillity and law and order in society;*
*To protect and respect the individual's fundamental rights and freedoms as enshrined, in particular, in the European Convention on Human Rights;*
*To prevent and combat crime;*
*To detect crime;*
*To provide assistance and service functions to the public.*[4]

Il-Qorti tifhem l-isfidi li ghandhom il-Pulizija fil-hidma taghhom ta' kuljum u dan anke kien rikonoxxut mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem:

*'difficulties in policing modern societies, the unpredictability of human conduct and the operational choices which must be made in terms of priorities and resources'*[5]

Il-Qorti tfakkar li fid-decizjonijiet li jiehdu l-pulizija f'hidmiethom ghandhom izommu quddiem ghajnejhom li dawn id-decizjonijiet ikunu kif isejjah il-Kunsill tal-Ewropa bhala "*proportionate*" fejn fil-ktieb imsemmi jaghti dawn il-linji gwida:

*1. the reason(s) for the action taken.*
*2. whether other, less intrusive means could have been taken to achieve the same aim.*

[4] Recommendation Rec(2001)10 of the Committee of Ministers to member states on the European Code of Police Ethics at Article I.1
[5] Kontrova v Slovakia, judgment of 31 May 2007 at paragraph 50.

*3. details of relevant legal and administrative provisions and how they have been complied with.*

*4. the necessity for the action to be taken and the foreseeable consequences.*

*5. how the is action likely to impact upon others.*

*6. confirmation, including reasons specific to the decision concerned, that the action is being taken for a legitimate reason and is non-discriminatory.*

*7. whether the decision has been taken on the basis of all relevant information.*

Il-Qorti thoss li huwa gustifikat li hawn jinghata rendikont tat-**Ten Key Principles Governing the Use of Force** tal-Pulizija Ingliza biex waqt hidmiethom l-ufficjali jkunu jafu meta huwa accettabbli l-uzu tal-forza ghaliex il-pulizija meta johorgu mid-djar taghhom u jhallu l-familja warajhom iridu jirritornaw lura qawwijin u shah u mhux imwegga' waqt hidmithom. Ghaliex meta persuna tattakahom waqt hidmiethom il-ligi stess tawtorizzahom biex juzaw il-forza dejjem proporzjonata u ma jesagerawx f'hidmiethom ghaliex imbaghad ma jippretendux hajt ta' kenn.

*1. Police officers owe a general duty to protect persons and property, to preserve order, to prevent the commission of offences and, where an offence has been committed, to take measures to bring the offender to justice;*

*2. Police officers may, consistent with this duty, use force in the exercise of particular statutory powers, for the prevention of*

*crime or in effecting a lawful arrest. They may also do so in self defence or the defence of others, to stop or prevent an imminent breach of the peace, and to protect property;*

*3. Police officers shall, as far as possible, apply non-violent methods before resorting to any use of force. They should use force only when other methods have proved ineffective, or when it is honestly and reasonably judged that there is no realistic prospect of achieving the lawful objective identified without force;*

*4. When force is used it shall be exercised with restraint. It shall be the minimum honestly and reasonably judged to be necessary to attain the lawful objective;*

*5. Lethal or potentially lethal force should only be used when absolutely necessary in self-defence, or in the defence of others against the threat of death or serious injury;*

*6. Any decision relating to the use of force which may affect children, or other vulnerable persons, must take into account the implications of such status including, in particular, the potentially greater impact of force on them;*

*7. Police officers should plan and control operations to minimise, to the greatest extent possible, recourse to lethal force, and to provide for the adoption of a consistent approach to the use of force by all officers. Such planning and control will include the provision to officers of a sufficient range of non-lethal equipment and the availability of adequate medical expertise to respond to harm caused by the use of force;*

*8. Individual officers are accountable and responsible for any use of force, and must be able to justify their actions in law;*

*9. In order to promote accountability and best practice all decisions relating to the use of force, and all instances of the use of force, should be reported and recorded either contemporaneously, or as soon as reasonably practicable;*

*10. Any decision relating to the use of force by police officers must have regard to the duty of care owed by the relevant police service to each individual police officer in the discharge of his duties. Deployment of police officers in a public order context where force may be used can carry grave risks to their own safety, and so must be the subject of rigorous control for that reason also.*

**ZERO TOLLERANCE**

Il-Qorti terga' ttenni li l-Pulizija jridu jkunu protetti waqt li jkunu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom u hadd m'huwa skuzat – tkun xi tkun ir-raguni – li jhedded lil xi ufficcjal tal-Pulizija jew li b'xi mod iweggaghhom.

Ordni tal-Pulizija ghandha tkun obbduta mill-ewwel u ghandu jintwera rispett lejn kull uffiċċjal dejjem u kullimkien. Dan ir-rispett ghandu jidher b'mod l-aktar ċar u enfatiku f'sitwazzjonijiet fejn tkun dahlet imqar naqra tensjoni.

Il-Qorti qieghda tinnota li fis-socjeta' taghna qieghed ikun hemm aktar okkazzjonijiet fejn persuni mhux jobdu ordnijiet legittimi tal-pulizija u wisq aktar jattakkawhom fizikament u mhux l-ewwel darba li jkun hemm min isofri griehi anke gravi.

Il-Qorti ma tridx li membri tal-Korp tal-Pulizija jiddemoralizzaw ruhhom minn dan ghaliex mhux dejjem isibu l-appogg mixtieq ghall-hidma taghhom, jekk ma jispiccawx ukoll huma stess mghoddija process popolari ghax iwettqu d-dmirijiet taghhom.

Il-Qorti terga' tfakkar f'dak osservat mil-Qorti fl-Appell Kriminali[6] **"Il-Pulizija vs. Mathew Peter O' Toole" [**2.3.06]

> " *il-Qrati ma jistghux jittrattaw kazijiet bhal dawn fejn ikunu mhedda ufficjali tal-Korp tal-Pulizija, waqt li qed jaqdu dmirijiethom - kultant f'sitwazzjonijiet difficli u delikati - b' leggerezza, qisu ma gara xejn, bhallikieku l-Pulizija qieghed hemm biex jigi mzeblah, sfidat, u mhedded.*
>
> *Illi jidher li l-appellant seta' kien taht l-influwenza ta' xorb alkoholiku eccessiv meta pprovoka dan l-incident bla bzonn, pero' dan bl-ebda mod ma jiskuzah.*"

u fl-Appell Kriminali[7] **"Il-Pulizija vs. George Grech"** [23.6.05] il-Qorti qalet:

> "*Illi l-Qorti terga ttenni f'dak li diga' qalet f'diversi sentenzi li r-reati bhal dawk ammessi mill-appellant fuq membri tal-korp tal-Pulizija waqt il-qadi tad-dmirijiet taghhom ma jistghux jitqiesu leggerment mill-Qrati li ghandhom joffru kull protezzjoni lill-kustodji tal-ordni pubbliku meta jkunu qed jagixxu fiz-zamma*

[6] Qorti ppreseduta mill-Imhallef Joe Galea Debono
[7] Ibid.

*tal-ordni taht cirkostanzi mill-aktar difficli u b'riskju kbir ghall-inkolumita' taghhom personali w li ghalhekk f'dawn it-tip ta' reati hija indikata piena karcerarja effettiva kif del resto tiddisponi l-ligi."*

Imbaghad fl-Appell Kriminali[8] **"Il-Pulizija vs. Anthony Roderick Farrugia"** [26.4.2007] dik il-Qorti qalet ukoll :-

"*Kif irriteniet din il-Qorti diversi drabi, reati ta' vjolenza attiva fil-konfront tal-Pulizija kull ma jmorru qed jizdiedu w jsiru ferm spissi w l-Qrati ghandhom id-dmir, fejn ikun il-kaz, li jaghtu l-protezzjoni xierqa lill-forzi tal-ordni fejn dawn ikunu qed jagixxu entro il-poteri lilhom moghtija fl-esekuzzjoni tal-ligi w ma jistghux jittrattaw dawn il-kazijiet b' leggerezza w jikkondonaw dak li ma ghandux jigi kondonat b' pieni irrizorji aktar u aktar meta dak li jkun ikun recidiv kif inhu f' dan il-kaz.*"

**Illi l-akkuzi odjerni li l-imputat jinsab akkuzat bihom, jikkoncernaw attakk, ingurji u theddid fuq ufficcjali pubblici w ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha terga' tibghat messagg lis-socjeta li tali atteggjament mhuwiex accettabli w ghandu jigi censurat.**

**Il-Pulizija Esekuttiva hija hemm sabiex tipprotegi c-cittadin u m'ghandhiex tigi mqieghda f'sitwazzjoni li tibza tezercita d-dritt**

[8] Ibid.

**taghha li tikkoregi lill-individwu li ma jkunx qed jimxi skond il-ligi.**

**Il-Qorti tinkoragixxi lill-ufficcjali tal-Pulizija sabiex jintervjenu kull fejn ikun hemm xi nuqqas ta' terz u dan bl-intendiment li jkun hemm armonija shiha fil-pajjiz.**

Din il-Qorti taqbel u taghmel taghha d-dikjarazzjoni li ghamel il-kollega Magistrat Aaron Bugeja fil-kaz il-**Pulizija vs Jerkin Decelis**, deciza fit-22 ta' Novembru 2013:

> *L-imputat kien fid-dmir li, minghajr paroli u xenati zejda, jobdi l-ordnijiet legittimi li kienu gew moghtija lilu mill-Pulizija …L-ordnijiet legittimi moghtija mill-Pulizija lic-cittadin ma humiex hemmhekk biex jigu konstestati, argumentati, mkasbra jew injorati sommarjament mir-ricevent. Qeghdin hemmhekk biex jigu obduti – dejjem u minghajr dewmien, ghalkemm bla pregudizju ghad-dritt ta' dak li jkun li jirreklama wara l-gustizzja intrinseka ta' dik l-ordni. Altrimenti jkun ifisser li kull persuna jkollha l-jedd tagixxi kif trid u joghgobha minghajr hadd ma jista' jzommha jew irazzanha. Nigu fi stat ta' gungla – l-antitezi tal-ordni mehtiega biex il-hajja socjali tkun tista tezisti f'armonija relattiva.*

**DECIDE:**

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-Qorti issib lill-imputat mhux hati tal-ewwel (1) imputazzjoni u minnha tilliberah, izda ssibu hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha dedotti kontra tieghu immarkati minn tnejn (2) sa ghaxra (10) u dan wara li rat l-Artikoli 17, 49, 50 95, 338 (ee), 338 (g), 338 (ff), 338 (m) 339 (b) 342, 49, 50, u 325 (b) tal-Kap. 9 u Artikoli 6 u 55 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah ghal piena komplessiva ta' sena prigunerija u elfejn ewro (€2000) multa u dan wara li l-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat u osservat b'dispjacir illi l-imputat inghata opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu. Madankollu huwa wera bic-car illi ma riedx jiehu din l-opportunita' illi kienet taghtu l-Qorti sabiex jaqbad it-triq it-tajba u minflok baqa sejjer fi triq il-hazina u jikkommetti r-reati.

Illi huwa importanti ferm, fil-fehma tal-Qorti, illi l-imputat ma jinghatax messagg minn din il-Qorti illi, ghaliex ikun fis-sakra, jista' jaghmel li jrid bir-riskju illi dawn l-incidenti xejn sbieh jibqghu jirrepetu ruhhom.

Fl-ahharnett il-Qorti wara li rat artikolu 56 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-arma esebita u tordna d-distruzzjoni taghha.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**